



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 14.11.2006
KUMM(2006) 706 finali

2005/0223 (COD)

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONILILL-PARLAMENT EWROPEW

konformi mat-tieni sotto-paragrafu ta' l-Artikolu 251 (2) tat-Trattat tal-KE

dwar

**il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament
Ewropew u l-Kunsill dwar is-sottomissjoni tad-data dwar il-wasla ta' prodotti tal-ħut fl-
Istati Membri**

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONILILL-PARLAMENT EWROPEW

konformi mat-tieni sotto-paragrafu ta' l-Artikolu 251 (2) tat-Trattat tal-KE

dwar

il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar is-sottomissjoni tad-*data* dwar il-wasla ta' prodotti tal-ħut fl-Istati Membri

(Test b' rilevanza għaż-ŻEE)

1. SFOND

Proposta sottomessa lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2005)566 – 2005/0223(COD))	11 ta' Novembru 2005
Opinjoni tal-Parlament Ewropew (l-ewwel qari) : (PE A6-0169/2006)	15 ta' Ġunju 2006
Adozzjoni ta' pożizzjoni komuni mill-Kunsill :	13 ta' Novembru 2006

2. GĦAN TAL-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

Il-leġiżlazzjoni kurrenti tal-Komunità bbażata fuq ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1382/91 tobbliga lill-Istati Membri biex jissottomettu lill-Kummissjoni *data* ta' kull xahar dwar il-kwantità u l-valur tal-wasla tal-prodotti tal-ħut fil-portijiet tagħhom. Analiżi tal-metodi ta' ġbir u kompilar ta' *data* mill-awtoritajiet nazzjonali u l-użu li jista' jsir minn *data* simili mis-servizzi tal-Kummissjoni wrew li jista' jsir titjib li jnaqqas il-piż tax-xogħol ta' l-Istati Membri u jtejjeb l-utilità ta' dik id-*data*. Ir-Regolament propost jipprovdi għas-sottomissjoni mill-Istati Membri ta' *data* armonizzata dwar il-kwantità u l-valur tal-wasla tal-prodotti fit-territorju tagħhom biex jippermetti analiżi tas-suq għal prodotti tal-ħut u aktar analiżi ekonomika ġenerali tas-sitwazzjoni tas-sajd.

Il-proposta tal-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li tissostitwixxi r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1382/91.

3. KUMMENTI DWAR IL-POŻIZZJONI KOMUNI

3.1. Ġenerali

Wara l-ewwel qari, il-Parlament Ewropew approva l-proposta tal-Kummissjoni soġġetta għal 21 emenda. Il-parti l-kbira ta' dawn l-emendi kienu ta' natura editorjali jew teknika minuri u ma kinux jaffettwaw is-sostanza tal-proposta.

3.2. Id-Deċiżjonijiet dwar l-emendi tal-Parlament Ewropew wara l-ewwel qari

Il-Kummissjoni qablet dwar l-emendi proposti mill-Parlament. Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew adottat strateġija pożittiva għal din il-proposta u l-parti l-kbira ta' dawn l-emendi kienu ta' natura teknika jew kjarifiki editorjali. L-eċċezzjoni hija l-kundizzjoni għall-Kummissjoni li tirrapporta lill-Parlament u lill-Kunsill darba kull tliet snin dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (emenda 7, l-Artikolu l-ġdid 8b). Il-Kummissjoni tqis li din ittejjeb it-trasparenza ta' l-operat. F'dan id-dawl il-21 emenda proposta mill-Parlament Ewropew huma aċċettabbli għall-Kummissjoni. Il-Kunsill approva dawn l-emendi b'pożizzjoni komuni.

3.3. Dispożizzjonijiet ġodda introdotti mill-pożizzjoni tal-Kunsill u l-Kummissjoni

Fis-17 ta' Lulju 2006, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2006/512/KE li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju ta' l-implimentazzjoni tas-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni u li tintroduċi proċedura ġdida bl-isem ta' "proċedura regolatorja bi skrutinju" (l-Artikolu 5a).

Il-proċedura l-ġdida tal-Kumitat trid tiġi segwita biex jiġu adottati miżuri bi skop ġenerali li jfittxu li jemendaw elementi mhux essenzjali ta' strument bażiku adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 251 tat-Trattat, *inter alia* billi jitħassru wħud minn dawk l-elementi jew billi jiġi supplimentat l-istrument biż-żieda ta' elementi ġodda non-essenzjali.

Id-dispożizzjonijiet il-ġodda introdotti mill-Kunsill jirreferu għas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija mill-Kummissjoni meta l-proċedura l-ġdida trid tiġi applikata.

B'mod partikolari, qed jingħataw setgħat lill-Kummissjoni biex tadatta l-Annessi għar-Regolament. Dawn il-miżuri ta' skop ġenerali mfassla biex jemendaw elementi non-essenzjali ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju, stabbilita skond l-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE.

Il-Kummissjoni taċċetta dawn id-dispożizzjonijiet il-ġodda.

4. KONKLUŻJONI

Taħt dawn il-kundizzjonijiet u għar-raġunijiet stabbiliti hawn fuq, il-Kummissjoni hawnhekk qed tesprimi opinjoni favorevoli dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill adottata *unanimament*.